# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 9 ta' Novembru 2021**

Appell numru 28/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Bjorn AGIUS**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Jannar 2021 fil-konfront ta' Bjorn AGIUS (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 468679M) li ġie mixli talli:
    i. Nhar il-15 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tal-10.50 hours fl-għalqa fl-inħawi tas-Siġġiewi kien qiegħed jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(ċ), L.S. 549.42;
    ii. U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg. 12(1) tal-Avviż Legali 79/2006 hekk kif emendat bil-L.S. 549.42;
    iii. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċċja, jew ipprova jikkaċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond

il-kundizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha; Regolament 4(1)(a) tal-L.S. 549.42;

iv. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu għasafar li kellhom ċrieket kif approvat mid-Direttur kompetenti u dan bi ksur tal-L.S. 549.42 reg. 23(1) tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddikjarat il-kawża preskritta stante li t-terminu ta' sentejn kien jagħlaq fil-15 ta' Ottubru 2020 u l-Prosekuzzjoni kellha minn Ġunju sa Ottubru 2020 sabiex tinnotifika lill-imputat.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil dil-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati skont l-akkużi u tinfliġġi piena skont il-Liġi u dan wara li stqarret is-segwenti:

   i. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-Liġi li fil-fatt waslet għall-ħelsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet hekk kif miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinitx korretta meta ddikjarat il-kawża preskritta. Jekk ir-reat tal-imputat sar fil-15 ta' Ottubru 2018 u jekk skond l-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali dan ir-reat għandu perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn u peress li dan it-terminu ġie sospiż permezz tal-Avviżi Legali numri 61 u 65 tal-2020 liema sospensjoni damet għall-żmien tlett xhur sakemm daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 230 tal-2020 fil-5 ta' Ġunju 2020, allura it-terminu ta' preskrizzjoni għal dan ir-reat mexa 'il quddiem bi tlett xhur minn Ottubru 2020 għal Jannar 2021.

   ii. Il-perjodu ta' preskrizzjoni għal dan ir-reat ma kienx jagħlaq fil-15 ta' Ottubru 2020 iżda jagħlaq fit-tielet ġimgħa ta' Jannar tas-sena 2021. Meta l-imputat ġie notifikat ġimgħa qabel is-seduta fl-20 ta' Jannar 2021 dan ġie notifikat fiż-żmien li tipprovdi li għandu jiġi notifikat fih il-liġi ukoll permezz tal-Avviżi Legali 61, 65 u 230 tal-2020 u għaldaqstant ma jistax jingħad li l-kawża hija preskritta jew li ddekorra t-terminu tal-preskrizzjoni.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi meta nhar is-16 ta' Marzu 2020 kienet ingħatat ordni mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika sabiex jingħalqu l-Qrati tal-Ġustizzja minħabba l-imxija tal-pandemija SARS-COV-2, kien neċessarju wkoll li l-Leġislatur jirregola l-mod ta' kif din l-ordni kienet sejra tolqot, fost oħrajn, il-prosegwiment tal-kawżi li kien għad hemm pendenti kif ukoll ta' kwistjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kors ordinarju tal-proċedimenti quddiem il-Qrati bħalma huma l-ħinijiet legali għall-ftuħ u għeluq tar-Reġistru tal-Qrati u tan-notifika tal-atti ġudizzjarji kif ukoll ta' kull żmien, perentorju u mhux li jinċidi fuq il-kawża jew parti minnha. Kien għalhekk li l-Leġislatur ħaseb għal dan permezz tal-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 61/2020 fejn Regolament numru 3 kien jaqra bis-segwenti mod:

   (1) Meta s-Supretendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u/jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha **tissospendi**[1] ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarji u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri quddiem l-imsemmija qrati. Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supretendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralita' ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali u ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat ijiem wara l-jum meta s-Supretendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

   (2) Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet fejn tqis l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina.

5. L-Avviż Legali 61/2020 baqa' fis-seħħ sal-5 ta' Ġunju 2020 hekk kif permezz ta' Avviż Legali numru 230/2020 dan ġie mħassar:

---
[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

1 (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jħassar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja.

(2) Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ mill-5 ta' Ġunju 2020.

2 L-ordni tal-2020 dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja huwa b'dan l-ordni imħassar b'effett mill-5 ta' Ġunju 2020 mingħajr preġudizzju għal validita' ta' kull ħaġa magħmula jew li tħalliet barra milli ssir fuq il-bażi ta' dak l-ordni soġġettta għall-dispożiżżjonijiet ta' dan l-ordni.

3 Is-sospensjoni tal-limiti taż-żmien kien kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entita' oħra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal għoxrin jun mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.

4 Is-sospensjoni tal-limiti taż-żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entita' oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' sebat ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.

6. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-appellat AGIUS ikkometta serje ta' reati bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarju 549.42 nhar **<u>il-15 ta' Ottubru 2018.</u>** Minn paġna 5 tal-atti proċesswali imbagħad jirriżulta li fis-seduta ta' nhar id-29 ta' April 2020 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddiferiet il-kawża għall-20 ta' Jannar 2021 u dan ai termini tal-Avviżi Legali 61 u 65 tas-sena 2020. Meta mbagħad fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2021 issejħet il-kawża, id-Difiża qajmet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddikjarat il-kawża preskritta stante li skont ma rriżultalha, it-terminu ta' sentejn hekk kif iffissat fl-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kien iddekorra. Il-Prosekuzzjoni minn banda l-oħra, bħall-Avukat Ġenerali f'dan l-appell tiegħu, sostniet li peress li skont l-Avviż Legali 61/2020 kienu ġew sospiżi t-termini ġudizzjarji kif ukoll in vista tal-fatt li l-Avviż Legali 230/2020 ppreskriva kif dawn it-termini kienu jitkomplew, l-imputat kien ġie notifikat fiż-żmien stipulat bil-Liġi u l-azzjoni ma kinetx preskritta.

7. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u senjatament għar-regolamenti numru 4, 12, 18 u 23 in kwantu dawn huma r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat. B'mod ġenerali mill-ewwel jista' jingħad li kull wieħed minn dawn ir-reati huwa klassifikat bħala reat istantanju u għalhekk ai termini tal-Artikolu 691(1) tal-Kodiċi Kriminali **<u>ż-żmien</u>**

**tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni tar-reat.** Dan ikun ifisser għalhekk li ż-żmien tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali fil-kawża in diżamina kellu jibda jiddekorri mill-jum tal-15 ta' Ottubru 2018.

8. Issa, in kwantu għall-piena, din il-Qorti tqis li filwaqt li r-reati ipotizzati fl-ewwel, fit-tielet u fir-raba' imputazzjoni jinqabdu bid-dispożizzjonijiet tar-regolament numru 27(2) tal-L.S. 549.42, dak ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni jinqabad bid-dispożizzjonijiet tar-regolament numru 27(3) tal-imsemmija leġislazzjoni sussidjarja. Din il-Qorti tqis ukoll li fil-mankanza li tinġieb prova li din tal-appellat kienet it-tieni kundanna tiegħu jew aktar, allura din tal-appellat neċessarjament għandha titqies bħala l-ewwel kundanna tiegħu għall-fini sabiex jiġi determinat iż-żmien tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. U bħala piena għall-ewwel kundanna, kemm taħt is-subinċiż 2 u kif ukoll taħt is-subinċiż 3 tar-regolament 27, il-Liġi tippreskrivi multa piu' il-konfiska tal-'corpus delicti' u s-sospensjoni tal-liċenzja:

> (2) Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4, 6, 18, 19, 21, 23 u 24 tista' teħel:
>
> (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) u l-konfiska tal-corpus delicti. Il-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin
>
> (3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tiegħu rispettivament tista' teħel:
>
> (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti.

9. Għalhekk isegwi illi l-azzjoni kriminali f'dan il-każ **tkun taqa' bil-preskrizzjoni f'għeluq ta' sentejn mid-data tal-konsumazjoni tar-reat ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> (e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

10. Illi f'dan l-istadju din il-Qorti tqis li jkun opportun illi ssir referenza għall-Artikolu 691(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema dispożizzjoni tal-Liġi tikkontempla s-**sospensjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni** f'dawk l-istanzi partikolari fejn l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew titkompla ħlief wara li tkun ingħatat awtorizzazzjoni speċjali, fost oħrajn:

> (2) Jekk l-azzjoni kriminali ma tkunx tista' tinġieb 'il quddiem jew ma tkunx tista' titkompla ħlief wara awtorizzazzjoni speċjali jew wara d-deċiżjoni ta' kwistjoni miġjuba f'kawża oħra għaliha, il-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni jieqaf, u jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu minn dak in-nhar li fih tingħata l-awtorizzazzjoni jew li tinqata' l-kwistjoni.

11. Kwindi meta l-kawża teħtieġilha awtorizzazzjoni speċjali sabiex titkompla, iż-żmien tal-preskrizzjoni ma jibqax għaddej iżda jiġi **sospiż** fejn imbagħad jerġa jibda jiddekorri minn dakinhar li jkun ingħata l-awtorizzazzjoni speċjali. Hawnhekk il-Liġi hija ċara in kwantu tiddetermina kif iż-żmien tal-preskrizzjoni mhux jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid hekk kif it-terminu tal-preskrizzjoni ma jibqax hekk sospiż, iżda 'jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu'. Dan ikun għalhekk ifisser li meta jerġa' jiġi attivat it-terminu tal-preskrizzjoni dan ikompli minn fejn ikun waqaf **b'differenza għal meta t-terminu tal-preskrizzjoni jkun interrott (u mhux sospiż) f'liema każ allura t-terminu tal-preskrizzjoni jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid**. U din id-differenza tispikka wkoll mid-diċitura tal-Liġi hekk kif tikkuntrasta d-diċitura adoperata mil-Leġislatur **fl-Artikolu 691(2) tal-Kodiċi Kriminali** meta dan jgħid **'jerġa jibda jieħu l-kors tiegħu'** ma' dak li jippreskrivi **l-Artikolu 693(3) tal-Kodiċi Kriminali** meta jgħid **'jerġa jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur'**:

> (3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi **mill-ġdid** mill-ġurnata li jkun ġie miksur.[2]

12. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li meta l-Avviż Legali 61/2020 ordna l-għeluq tal-Qrati kollha, ippreskriva wkoll li kull żmien perentorju bħalma hu kwindi ż-żmien tal-preskrizzjoni jiġi wkoll **sospiż** sal-mument li tali ordni tiġi hekk irrevokata mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Dan ikun ifisser li t-terminu tal-preskrizzjoni kien beda jiddekorri favur l-imputat appellat minn nhar il-15 ta' Ottubru 2018 liema terminu tal-

[2] Enfażi miżjuda.

preskrizzjoni nhar is-16 ta’ Marzu 2020 ġie sospiż b’effett tal-Avviż Legali 61/2020. Għalhekk, mill-15 ta’ Ottubru 2018 sas-16 ta’ Marzu 2020 kienu diġa ddekorrew sena u ħames xhur (ossija sbatax il-xahar minn erba’ u għoxrin) mis-sentejn li jippreskrivi l-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali. It-terminu mbagħad reġa’ ġie ri-attivat sebat ijiem minn dak inhar li daħal fis-seħħ l-Ordni msemmi nhar il-5 ta’ Ġunju 2020, iġifieri b’effett mit-12 ta’ Ġunju 2020.

13. Mill-atti ma hemm ebda dokument li juri bi preċiżjoni id-data ta’ meta l-appellat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smiegħ tal-kawża. Dawn il-Qrati, diversi drabi saħqu li dawn il-Qrati ma jistgħux joqgħodu fuq assunzjonijiet jew allegazzjonijiet dwar meta tkun saret notifika t’att ġudizzjarju iżda jeħtieġu dokumenti li jixhdu dan bħal referta[3] jew xi prova oħra bħal dikjarazzjoni ġuramentata tal-Uffiċjal inkarigat minn notifika li jikkonferma d-data, l-ħin, lok, dokument u l-persuna li ġiet notifikata. Inoltre huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tassigura li din in-notifika taċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smiegħ tal-kawża ssir[4] u dan fi żmien utli sabiex tkun tista’ titmexxa l-azzjoni penali kontra l-ġudikabbli. F’dan il-każ huwa evidenti li l-Prosekuzzjoni naqset milli twettaq dan l-obbligu bażiku tagħha. Sal-ġurnata ta’ dan l-appell ma hemm ebda dokument jew prova oħra li fuqha din il-Qorti ta’ reviżjoni tista’ tistrieħ bħala prova soda biżżejjed u li fuqha tkun tikkonkludi d-data preċiża meta l-appellat ġie effettivament notifikat biċ-ċitazzjoni u l-avviż tal-smiegħ tal-kawża.

14. Dan huwa konfermat mill-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2021 jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur kien sprovvist mir-referta tal-imputat. L-Avukat Difensur ivverbalizzat li “r-riferta wasslet ghand l-imputat bejn wiehed u iehor gimgha ilu”. Kien imbagħad li ssollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni penali f’dan il-każ. L-Uffiċjal Prosekutur, ma talabx differiment qasir tas-seduta biex minbarra li jwettaq dak id-dmir bażiku daqskemm importanti tal-Prosekuzzjoni, juru wkoll lil Qorti bi prova sikura dwar meta eżattament kien ġie notifikat l-appellat. Iżda minflok il-Prosekuzzjoni għamel referenza għall-Ordnijiet maħruġa mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika u sostniet l-argument tas-sospensjoni tat-termini biex tipprova ssalva dan il-każ.

15. L-inċertezza dwar id-data tan-notifika ma waqfitx lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) milli tipproċedi bis-smiegħ tal-kawża u tasal għad-

[3] Ara l-appell Kriminali **Il-Pulizija vs. John Dyer** deċiż nhar id-19 ta’ Novembru 2019. Ara wkoll l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Dougall** tad-9 ta’ Mejju 1997.
[4] Ara wkoll l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Simon Tartaglia** deċiż fit-30 t’April 2019.

deċiżjoni tagħha li tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fis-sentenza **Dyer** aktar il-fuq imsemmija fin-nota in calce aktar il-fuq, ingħad li :

> Għalkemm din il-Qorti tifhem li l-għan tal-Avviż Legali de quo huwa wieħed intiż li jħaffef il-proċedura ta' notifika tal-atti ġudizzjarji, mill-banda l-oħra din il-ħeffa ma għandhiex imbagħad tissarraf f'nuqqas t'osservanza tar-regoli bażiċi tal-evidenza fil-qafas ta' proċeduri penali. Dak li kien meħtieġ f'dan il-każ kien li l-uffiċjali kollha adetti minn notifika iwetqu xogħolhom skont il-Liġi u li jħallu warajhom il-prova dokumentarja jew prova oħra li għamlu dan.
>
> Jibqa' l-fatt li l-imputat appellant deher għas-seduta tal-4 ta' Ġunju 2019 debitament assistit. F'dak il-punt l-imputat appellant jitqies li ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati – aktar u aktar meta huwa għażel li jikkontesta l-każ miġjub kontra tiegħu. Din il-Qorti ma għandha ebda indikazzjoni jew prova ta' kif u meta l-imputat appellant sar jaf b'dawk il-proċeduri pendenti kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Iżda żgur hu li fl-4 ta' Ġunju 2019 huwa kien preżenti u sottomess għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

16. Jidher li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet li timxi bil-proċedura, inkluż bil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu minkejja l-inċertezza dwar id-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u l-avviż tas-smigħ tal-kawża maħluqa minn nuqqas tal-Prosekuzzjoni imsemmi aktar il-fuq, hija qieset li f'dak l-istadju tal-proċeduri l-imputat appellat kien preżenti quddiemha u ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tagħha.

17. Dan id-dubju pero ppersista wkoll quddiem din il-Qorti in kwantu jirriżulta mit-trattazzjoni tal-abbli Difensur tal-appellat li dan tal-aħħar ġie nnotifikat bis-smigħ tal-kawża f'Jannar 2021 u preċiżament f'paġna 25 tal-atti proċesswali ntqal is-segwenti:

> Imma ejja ngħidu ngħodduhom ukoll, id-data tiġi 11 ta' Jannar meta l-klijent, l-imputat, fil-11 ta' Jannar żgur li kien għadu ma rċievihiex. Dakinhar tas-seduta meta deherna quddiem il-Maġistrat aħna konna għidna li rċevieha madwar ġimgħa ilu għax jiena qrajt ir-rikors t'appell għax ma kellix kopja tad-deċiżjoni. Pero' jiena naf illi l-klijent ċempilli fl-aħħar tal-ġimgħa qabel is-seduta u ċċempilli iħħesiljat u qalli isma nhar l-Erbgħa għandi l-Qorti etc.. **<u>Jiġifieri fil-11 ta' Jannar li ħabat it-Tnejn il-klijent effettivament riferta ma kellux żgur.</u>**[5]

18. Bid-dovut rispett lejn il-partijiet kollha involuti, id-data tan-notifika tal-att ġudizzjarju li bis-saħħa tiegħu tinbeda l-proċedura penali kontra l-ġudikabbli għandha tkun magħrufa u pruvata b'mod preċiż u mhux bi pressapokiżmu evidenti muri f'dan il-każ. "Bejn

---

[5] Enfasi ta' din il-Qorti.

wiehed u iehor gimgha ilu" mid-data tas-seduta li seħħet fl-20 ta' Jannar 2021 hija għal kollox indikazzjoni aleatorja, inċerta għall-aħħar. Tista' tfisser anqas minn sebat ijiem qabel jew tista' anke tfisser aktar minn sebat ijiem qabel. Id-Difiża tistqarr, gratwitament, li l-appellat kien irċeva l-att ġudizzjarju de quo fl-aħħar tal-ġimgħa ta' qabel is-seduta.

19. Fir-rikors ta' appell tagħha l-Avukat Ġenerali, donnha aderiet ma din l-allegazzjoni tad-Difiża li l-appellat ġie nnotifikat bis-smiegħ tal-kawża ġimgħa qabel is-seduta tal-20 ta' Jannar 2021. Huwa għal kollox misteru fuq liema bażi probatorja waslet għal din il-konklużjoni. Hi x'inhi, tkompli ssostni li din in-notifika saret entro l-limiti taż-żmien imsemmija mill-Liġi u għalhekk l-azzjoni kontra l-appellat ma kinitx għadha waqgħet bil-preskrizzjoni fl-20 ta' Jannar 2021.

20. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument tal-Avukat Ġenerali. B'applikazzjoni tal-Artikolu 691(2) tal-Kodiċi Kriminali, una volta ġiet mogħtija l-awtorizzazzjoni speċjali sabiex titkompla l-kawża kontra l-appellat wara li ġiet revokata l-ordni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika permezz tal-Avviż Legali 230/2020, is-sbatax il-xahar li kienu laħqu ddekorrew mid-data tal-konsumazzjoni tar-reati li kien mixli bihom l-appellat (il-15 ta' Ottubru 2018) ma ntilfux. F'dan il-każ, ġaladarba t-terminu statutorju kien ġie sospiż (u mhux interrott) iż-żmien għall-fini tal-kalkolu tat-terminu preskrizzjonali reġa' beda jieħu l-kors tiegħu mit-12 ta' Ġunju 2020 b'mod għalhekk li r-rimanenti perjodu ta' seba' xhur tat-terminu preskrizzjonali reġgħu bdew, fis-sens li komplew, il-kors tagħhom minn dakinhar. L-enfażi f'dan il-punt qegħda fuq id-differenza bejn il-frażi "jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu" kif imsemmija fl-artikolu 691(2) tal-Kodiċi Kriminali għall-frażi l-oħra imsemmija fl-artikolu 693(3) tal-Kodiċi Kriminali li trid li fil-każ ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni dan it-terminu "jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur". Fil-kuntest tas-sospensjoni tat-terminu preskrizzjonali l-Liġi ma tgħidx li t-terminu "jerġa jibda jieħu l-kors tiegħu mill-ġdid" jew "jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie sospiż". B'hekk dan ifisser li l-frażi "jerġa' jibda jieħu l-kors tiegħu" tfisser li t-terminu preskrizzjoni ikompli għaddej minn fejn ikun waqaf u jżid fuq dak li jkun diġa għadda sakemm jilħaq l-iskadenza statutorja tiegħu skont iż-żminijiet li jkunu kalkulati fil-każ partikolari.

21. F'dan il-każ it-terminu preskrizzjonali jista' jingħad li skada nhar il-11 ta' Jannar 2021 – inkluż meta jittieħed in konsiderazzjoni

il-perjodu kollu ta' sospensjoni dekretat fl-Ordni tas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika. Il-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova soda li l-appellat ġie notifikat entro dan it-terminu bl-att ġudizzjarju de quo. Anzi l-Avukat Ġenerali tikkonċedi li dan ġie notifikat **ġimgħa** qabel is-seduta tal-20 ta' Jannar 2021. Iżda prova ċerta li l-appellant irċeviha fil-11 ta' Jannar 2021 jew qabel dik id-data, ma hemmx; anzi dan donnu jidher ukoll konfermat bl-adeżjoni tal-Avukat Ġenerali stess meta tikkonċedi li l-appellat irċieva dawn l-istess atti mhux biss "madwar gimgha" kif tgħid id-Difiża, iżda f'paġna 15 tal-atti l-Avukat Ġenerali kkonċediet li l-appellat ġie notifikat **ġimgħa** qabel is-seduta – ergo fit-13 ta' Jannar 2021. Fit-13 ta' Jannar 2021 it-terminu preskrizzjonali, anke kif estiż kawża sospensjoni kien laħaq, anke jekk bi ftit ħafna, skada.

22. F'dan l-isfond l-azzjoni kontra l-appellat tirriżulta preskritta in kwantu ddekorra t-terminu ta' sentejn ravviżat fl-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**